# IL-Huttafa

POBox 498 Valletta CMR 01

Numru **6** Jannar Frar 1995

Dan il-magażin stampat fuq karta riċiklata



**X'ikun SAO LA ?????**

(paġna 4)

**KAĊĊA**

(paġna 3)



Ray Galea

*Gawwija Rasha Kannella*

MOS BirdLife INTERNATIONAL

**IL-MAGAŻIN TAL-KLABB ĦUTTAF**

# editorjal



**Hello ħbieb Huttaf,**

Jiġu fuqi leaders u jgħiduli "Il-marelli kemm ġew membri għal dik il-ħarġa!" jew "Il-aħwa bilkemm qagħdu f'tal-linja!"

Naturalment jien nieħu pjaċir nisma' li jattendu ħafna membri għall-ħarġiet. Imma spiss ukoll nitħasseb ftit meta nkun f'xi grupp ta' xi erbgħin Ħuttafa u mmorru berdwoċing. Għaliex nitħasseb?

Ħeqq, u ara għaliex! Immaġinak għasfur fuq ċint jew f'tarf ta' siġra, qiegħed hemm fil-kampanja għall-kwiet. F'daqqa waħda tara ċorma tfal ġejjin. Kulħadd iħares lejk u jipponta subgħajh lejk, jgħollu leħinhom eċitat... Kieku kont dak l-għasfur, x'kont tagħmel?

Firrrrrrrrr!!! Ittir sparat u tmur kilometru 'l bogħod! Wara kollox, l-għasfur ma jkunx jaf li dawk huma membri tal-Klabb Ħuttaf. Ma jafx li dawk berdwoċers. Għalih huma nies. U għalih nies=periklu!

U għalhekk nikkonfondi. Għax x'jiswa li mmorru berdwoċing jekk l-għasafar se jitgerrxu minna. Nispiċċaw ma naraw xejn! Din hija l-problema, u rridu nsolvuha.

Nagħmlu l-membri inviżibbli? Mmmmm... forsi la nsibu r-riċetta!

Nagħmlu faxxa m'għajnejn l-għasafar kollha? Mela ġej xi party jew!!

Nagħmlu Gruppi Lokali? Dik hi!! Minn din is-sena 1995 se nibdew ħaġa li ilna s-snin noħolmu biha. Il-Klabb Ħuttaf se nqassmuh f'numru ta' gruppi żgħar madwar Malta u Għawdex. Kull grupp ikun fih membri Huttaf li joqogħdu f'xi rħula viċin ta' xulxin. Jibdew jagħmlu ħarġiet fil-kampanja għal rashom. B'hekk ma jkunux gruppi kbar. Forsi xi gruppi jsibu xi postijiet tajbin - speċi ta' headquarters - fejn ikollhom laqgħat mal-leaders tagħhom.

Din l-ideja ħa nibdewha ftit ftit: meta naraw li miexja tajjeb inkomplu nifirxuha sa ma jkollna gruppi mxerrdin mal-pajjiż kollu.

Sadattant nibqgħu nagħmlu wkoll xi attivitajiet fejn il-Ħuttaf kollha jkollhom ċans jiltaqgħu flimkien.

U l-armata tibqa' tikber u tinfirex sa ma tkun l-ikbar armata ta' tfal f'Malta. Armata ta' Ambjentalisti!

Ċaw ħbieb u s-sena t-tajba lilkom u lill-familji tagħkom.



Victor Falzon
Editur




## Iktbulna

**Għandkom xi idejat għall-Ħuttafa? Għandkom xi ċajta tajba, xi logħba interessanti, xi poeżija dwar in-natura li ktibtu intom? Hemm xi ħaġa li tixtiequ tistaqsu lill-esperti tagħna? Iktbulna f'dan l-indirizz:**

**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**MOS POBox 498**
**Valletta CMR 01**

*Faċċata ta' Quddiem*

**Gawwija Rasha Kannella**

(*Larus melanocephalus* - Black-headed Gull)

Għasfur komuni ħafna fil-portijiet ta' Malta. Narawh l-iktar fi ġranet xitwin bir-riħ u l-maltemp, għax f'temp hekk il-gawwi jfittex l-art għall-kenn mill-elementi. Fir-ritratt jidher bil-libsa tas-sajf, għax rasu kannella. Aħna aktar narawh fil-libsa tax-xitwa, meta r-ras tkun bajda għal kollox b'dabra kannella wara l-għajnejn.

Il-Klabb Ħuttaf hija t-taqsima ta' l-MOS li tieħu ħsieb il-membri taħt l-erbatax-il sena. Din it-taqsima torganizza attivitajiet bħal ħarġiet fil-kampanja, żjajjar f'riservi naturali, taħdidiet bi slajds u xi drabi xogħol ambjentali. Il-Klabb Ħuttaf jippublika n-newsletter-magażin Il-Ħuttafa kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi handouts, worksheets, logħob u kompetizzjonijiet għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb huwa mmexxi minn working group ta' Youth Leaders.

© MOS 1995

Stampat għand Poulton's Print Shop

aħbarijiet

## K A Ċ Ċ A S T O P

Fil-31 ta' Jannar jispiċċa l-istaġun tal-kaċċa. Jiġifieri mill-1 ta' Frar mhux suppost li naraw kaċċaturi-Rambos iduru bis-snieter għall-povri għasafar. L-istaġun magħluq idum sejjer sal-31 ta' Awwissu (ħlief 5 ġimgħat ta' qtil fir-rebbiegħa).




## Deħlin u ħerġin fis-satra tal-lejl...

Fl-iljieli xitwin ta' l-ewwel nofs ta' Jannar il-kaċċaturi xebgħu deħlin u ħerġin fir-riserva ta' l-Għadira, u dan kollu għax hemm xi erba' borok (papri selvaġġi) li dawn iridu bilfors joqtluhom. L-għassies tar-riserva mhux dejjem jarahom jew jismagħhom lil dawn il-vandali, imma s-sinjali li jħallu warajhom dawn il-heroes jinstabu l-għada mill-gwardjan. Fost affarijiet li ħallew warajhom kien hemm s'issa xemgħat fi fliexken maqtugħa, wire-cutter, tavla daqs-xiex ta' l-injam u ... salt borok u blonġuni (grebes) mejtin jgħumu żaqqhom 'il fuq f'wiċċ l-ilma. S'issa l-awtoritajiet għadhom ma qabdu lil ħadd...



### Rawh ir-Ramla!



Nhar it-3 ta' Jannar kienet ġurnata riħ u xita bis-silġ. Waqt passiġġata fir-Ramla l-Ħamra (Għawdex) Desirée Falzon u l-editur raw **Pendulin** (Penduline Tit - *Remiz pendulinus*) jikkummiedja qalb il-frigħi ta' siġra tal-bruk. Dan l-għasfur huwa meqjus vagranti għal Malta, jiġifieri jkun deher inqas minn 20 darba fl-istorja ta' l-ornitoloġija lokali.



## Mis-Simar...

- Sar ħafna taħwil ta' siġar. Din hija t-tielet sena li qed jitħawlu s-siġar fis-Simar. S'issa tħawlu xi 900 siġra: ċipress, luq, tin, virgi, ħarrub, rand eċċ.
- Il-ħajds inbnew u qed jitlestew minn ġewwa.
- L-ambjent tas-Simar qed dejjem jisbieħ. Borok, blonġuni, glalez u tiġieġ tal-baħar ikunu hemm il-ħin kollu.
- Il-qasab qed jikber u jiffolla ... kważi jiffolla wisq.



Silfjun Ewropew
Wigeon

# ittri

***Għandkom xi mistoqsijiet jew xi kummenti dwar in-natura li tixtieqi tgħidulna? Iktbulna, u sa fejn nistgħu nwiġbukom. Indirizzaw l-ittri hekk:***

**Editur** Il-Ħuttafa
**Klabb Ħuttaf**
**MOS POBox498**
**Valletta CMR 01**

**Għażiż Editur,**
**Jiena dilettant ġdid ta' l-għasafar u nixtieq nixtri gwida tajjeb biex jgħini nagħraf l-għasafar. Jiena d-dar għandi ħafna *encyclopaedias* fuq l-annimali, imma mhumiex fuq l-għasafar biss u huma tqal ħafna biex inġorrhom miegħi barra.**
**Jekk jogħġbok tista' tgħidli b'xi gwida tajjeb, anke jekk ikun ftit għali. Thank you.**

**Clive Sammut**
**Żejtun**

Għażiż Clive,
Grazzi ta' l-ittra tiegħek, u nifraħlek tal-passatemp ġdid li qbadt. Kif jgħidu l-Ingliżi: join the club.
Niġu għall-gwida. Bla dubju l-iktar gwidi li jeżistu fid-dinja huma gwidi għat-tajr (bird guides). Il-problema tiegħek se tkun mhux li ma ssibx imma liema se tixtri! Nimmaġina li l-gwida li trid huwa biex tużah f'Malta (għax jekk trid hawn anke gwidi għall-għasafar tal-Gżejjer Galapagos!)
Jiena se nagħtik l-iktar li huma fl-idejn:

**Hamlyn Guide to the Birds of Britain and Europe** (ta' Bruun, Delin u Svenson - 1992).
**Birds of Britain and Europe - Collins New Generation Guide** (ta' Perrins - 1987).
**The Birds of Britain and Europe with North Africa and The Middle East** (ta' Heinzel, Fitter u Parslow - 1992).
**Birds of Europe with North Africa and the Middle East** (ta' Jonsson - 1992).

Aqbeż qabża sal-ħanut ta' l-MOS fejn hemm l-aħjar għażla ta' gwidi. Issibu f'**65 Triq Santa Luċija, Valletta** (ċempel **230684** għall-ħinijiet ta' ftuħ).
Nawguralek, Clive, ħafna sigħat ta' berdwoċing eċitanti. Ftakar però li l-aħjar gwida huwa li ssib berdwoċer ta' l-esperjenza li jekk toħroġ miegħu jista' mhux biss jispjegalek u jgħinek tagħraf l-għasafar, imma wkoll jissuġġerilek l-aħjar postijiet għall-berdwoċing f'Malta.

L-Editur



## Mid-dinja...

# Minn qiegħ il-Vietnam!

Ħadd ma jaf kemm hawn annimali differenti fid-dinja. Min jgħid 5 miljun, min jgħid anke 30 miljun. Kuljum l-istudjużi u l-avventurużi jsibu speċi ġodda. Is-soltu dawn ma jkunux annimali kbar, imma xi insetti mill-foresti tropikali enormi ta' l-Afrika jew ta' l-Amerka t'Isfel. Annimali kbar diffiċli jinħbew, u għalhekk rari llum biex issib wieħed ġdid. Imma oħroġ il-għaġeb...



... fl-1993 instabet speċi ġdida ta' mammiferu kbir! Xi studjużi kellhom diġà suspett minn par qrun stramb, u fl-aħħar ikkonfermaw l-eżistenza ta' speċi ta' mogħża-ċerv li tgħix fil-foresti folti tal-Vietnam. Sejħulha **Vu Quang Ox** (Vu Quang hija l-isem tal-foresta). In-nies tal-foresti kienu ġa jafu biha, u jsejħulha **Sao La**.



Is-sena l-oħra żewġ studjużi ta' l-għasafar kienu qed jgħoddu xi għasafar ġol-foresta Nakai Nam, li tmiss mal-Vu Quang, u oħroġ il-għaġeb skoprew mammiferu kbir ieħor: il-**Giant Muntjac**, li hija speċi ta' antelope (bħal ċerv).
U għadu ma spiċċax kollox. Xi xhur ilu grupp ieħor ta' studjużi kienu qed iħokku rashom iħarsu lejn ... par qrun stramb ieħor! Imma l-annimal ħaj għadhom ma sabuhx.

Sors: BBC Wildlife

# iż-Zakak Abjad

X'aktarx li meta nibdew nifthu għajnejna għall-għasafar ta' madwarna, l-ewwel li ninnutaw huma dawk li jgħixu qrib l-ambjent li ħloqna aħna, l-ambjent tal-bini. Hawn ma jonqsux għasafar bħall-Isturnell, il-Kudirross Iswed, l-Għammiel tal-Bejt u z-Zakak Abjad. Illum ser nitkellmu dwar dan ta' l-aħħar.

Iz-Zakak Abjad huwa għasfur ftit ikbar minn tal-Bejt u b'għamla għal kollox differenti. Huwa aktar mislut u għandu denb twil li l-ħin kollu jiċċaqlaq. Munqaru tawwali u ġej għall-ponta - dan jurina li l-ikel tiegħu hu x'aktarx insetti. Meta jittajjar iz-Zakak imewweġ (mhux itir dritt, bħal ngħidu aħna l-Isturnell) u ma' l-art jimxi (mhux jaqbeż bħall-Pitirross). Għalkemm mhuwiex imlewwen ħafna, l-abjad ta' żaqqu, il-griż ta' dahru u l-iswed tuta madwar rasu jagħtuh dehra li tolqot l-għajn. Fir-rebbiegħa l-iswed jiżdied u jdur ma' l-għonq f'għamla ta' ħannieqa. Dan kollu, flimkien ma' l-għajta karatteristika "zizzik" jagħmel liz-Zakak Abjad għasfur li jntgħaraf bla taħbit.

Iz-Zakak iqatta' x-xitwa magħna. Dan ifisser li jasal f'Ottubru, meta f'artijiet oħra tkun ser tibda l-kesħa sew, u jitlaq għal Marzu biex jibni l-bejta u jrabbi l-frieħ. Għalhekk għalkemm ma jbejjitx f'Malta, iqatta' nofs is-sena fostna. F'dan iż-żmien hu komuni u narawh l-aktar jirgħa u jfittex x'jiekol f'imkejjen miftuħin. Iħobb ħafna l-għelieqi maħrutin u niedja kif ukoll il-btieħi u l-grawnds tal-logħob fl-iskejjel. B'hekk waqt ħin il-mistrieħ nistgħu nilagħbu ma' sħabna tal-klassi u ngawdu l-għasafar fl-istess ħin. Fatt interessanti hu li eluf ta' zizka (plural ta' zakak) kull filgħaxija jittajru lejn il-Belt Valletta u jgħaddu l-lejl reqdin għall-kenn tas-siġar kbar fl-inħawi tal-Palazz. Kull tant snin l-MOS tagħmel "roost count" li fiha grupp ta' membri jitqassmu madwar is-swar u jgħoddu z-zizka deħlin.

Fil-fatt għal min irid jara kif isir dan l-istudju, tkun ideja tajba jingħaqad magħna. B'hekk ikollu ċans josserva parti mill-ħajja ta' dan l-għasfur simpatiku.

**Mark Falzon**

Malti: **Zakak Abjad**
Ingliż: **White Wagtail**
Xjentifiku: ***Motacilla alba***



**Xeni mill-Attività Kraft tat-18 ta' Novembru 1994**



pom-pom birds



bird tables



stained glass



plate motifs

ritratti: Jason Aloisio

# *Lejla Video*

**Ejjew araw żewġ videos interessanti fuq skrin kbir.**



## Video 1

Wieħed se jkun jismu:

**In Flight Movie**

Fih naraw x'kapaċità għandhom l-għasafar biex itiru, ħaġa li l-bniedem minn dejjem ħolom li jagħmel. Fih erba' "shots" li jġiegħluk tistaqsi: Imma kif irnexxielhom jeħduha dik il-biċċa film?! Titilfuhx.



## Video 2

It-tieni video se jkun jismu:

**Big Bill: Life of a Heron**

Jittratta l-ħajja interessanti u avventuruża ta' Russett Griż, proprju mill-bajda sa ma jikber. Naraw il-perikli naturali fil-ħajja ta' dan l-għasfur kbir, speċjalment waqt li qiegħed jikber u jitgħallem ifendi għal rasu.

**Data: 8 Frar 1995**
**Post: Sala Despott** (Furjana - Educ. Bldg)
**Ħin: 6.00pm**



Red-breasted Geese

Bħas-soltu, fi tmiem l-attività nagħtukom sett mistoqsijiet dwar dak li tkunu rajtu. Dawn il-mistoqsijiet tiħduhom magħkom u twiġbuhom mill-kumdità ta' darkom; imbagħad tibagħtuhomlna ħalli ntellgħu rebbieħ jew rebbieħa.



**Tinqala' għat-tpinġija?**
Ibagħtilna xogħlok, u ngibuhulek fil-Ħuttafa. Tużax kulur, u uża karta (mhux kartonċin). Ibgħat ukoll ismek, l-età u x'inhu l-annimal jew pjanta li tkun pinġejt.

# ART GALLERY



*Girwiel* *minn* ***Karl Mercieca***



*Pitirross* *minn* ***Karl Mercieca***



Ċert li ħafna minnkom għandkom xi biċċa kamera tar-ritratti. Il-fotografija tista' tkun passatemp tal-ġenn, speċjalment fid-dinja tan-natura. Aħna nħeġġukom ħafna li taqbdu dan il-passatemp bħala parti mill-interess li għandkom fin-natura. Jekk tieħdu xi ritratt ta' xi annimal jew pjanta (mhux pets, imma) u jiġukom tajbin, aħna nieħdu gost nippublikawh.



## w o r k i n g g r o u p 9 4




**Il-Working Group 1994 tal-Klabb Ħuttaf. Mix-xellug Graziella Fenech, Anne Scicluna (Segretarja), Audrey Chetcuti, Darryl Grima (Youth/Education Officer), Joseph Dunlop, Norman Chetcuti, Robert Borg, Victor Falzon u Desirée Falzon (Ċerpersin).**

sula
gannet





Kemm hu sabiħ bukkett narċis fil-kampanja. Imma x'ħasra, qed jispiċċa minn Malta għax ħafna nies mhux kuntenti igawduh fil-post. Iridu bilfors jaqtgħu bukkett daqsxiex biex ikaxkruh id-dar magħhom. Dan huwa serq mill-kampanja, aktar u aktar meta xi wħud jippruvaw ibigħuh. Agħmlu riżoluzzjoni dixxitwa: TIXTRUX NARĊIS !!

## I ♥ Ħuttaf!!

**Ma' dil-ħarġa tal-Ħuttafa qed nibagħtulkom stiker ġdid li għamilna apposta għalikom il-membri Ħuttaf. Qis li twaħħluh x'imkien fejn jidher. U meta xi ħadd jistaqsikom x'ikun dal-Ħuttaf, kunu pronti spjegawlhom u ħeġġuhom u ħajruhom u ġennuhom biex jidħlu membri bħalkom. Użaw il-formola t'hawn taħt, fl-istess ħin tiddubbaw xi ħaġa intom ukoll.**

## Daħħal Membru Ġdid



**Offerta speċjali**

**Daħħal membru ġdid fil-Klabb Ħuttaf u tieħu sett ta' erba' posters bil-kulur dwar l-annimali u l-pjanti ta' Malta. Sewwa smajt: erba' posters mimlijin rettili, mammiferi, fjuri eċċ.**

Imla dil-formola u ibgħatha lil: **Daħħal Membru Ġdid, Klabb Ħuttaf MOS, POBox498 Valletta CMR 01**

Jekk ma tridx tgħarraq il-magazin tista' tieħu fotokopja u tibgħat lilha

### *Ibgħatli dawk il-posters issa stess!!!*

Jiena jisimni ______________________ u għadni kemm daħħalt membru ġdid.
In-numru tal-membership tiegħi huwa [ ]. Dawn li ġejjin huma d-dettalji tal-membru l-ġdid/a li daħħalt jiena.

**Isem u Kunjom:** ______________________

**Indirizz:** ______________________

**Data tat-twelid:**

| jum | xahar | sena |
|---|---|---|
| | | |

**Telefon:** ______________________

Ma' dil-formola għandek issib b'lira bolli (mhux użati) tal-5ċ jew ċekk/postal order ta' Lm1.

